**7 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Roger Ruggier

*versus*

Beatrice Pisani

**Ritrattazzjoni - Artikolu 811 (l) tal-Kodiċi ta' Proċedura - Sentenza Effett ta' Żball li Jidher mill-Atti jew mid-Dokumenti tal-Kawża**

*Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet talba għal ritrattazzjoni għaliex sabet illi l-fatti kkonsidrati mill-Qorti li tat is-sentenza impunjata kienu kollha korretti u mkien fis-sentenza ma tirriżulta xi referenza għal xi fatt fl-atti jew fid-dokumenti esebiti li kienet tirrifletti xi konsiderazzjoni żbaljata ta' fatt ta' l-atti jew id-dokumenti li kienu maħsuba li jippruvaw.*

Il-Qorti:-

L-attur qed jittanta r-ritrattazzjoni ta' din il-kawża deċiża finalment b'sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Ġunju, 1994;

Dan hu r-rikors li bih ir-ritrattand talab is-smigħ mill-ġdid tal-kawża:

"Illi huwa għamel appell mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-4 ta' Novembru, 1991, fl-ismijiet hawn fuq indikati, fejn talab ir-riforma tas-sentenza u r-revoka tagħha fejn ċaħdet ir-revoka tal-mandat ta' qbid (parti mit-tieni domanda) tat-tielet u r-raba' domandi tiegħu;

Illi bis-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tas-6 ta' Ġunju, 1994 dak l-appell ta' l-esponent ġie miċħud bl-ispejjeż kontra tiegħu għar-raġuni hemm miġjuba kif ser jingħad;

Illi l-esponent ħassu aggravat b'dik is-sentenza, li hija l-effett ta' *żball* li jidher mill-atti u *mid-dokumenti* tal-kawża għat-termini ta' l-artikolu 811 (l) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) u għalhekk qiegħed jagħmel it-talba preżenti għar-ritrattazzjoni ta' dak l-appell;

Illi ċ-ċirkostanzi ta' l-appell, kif jidher mill-atti relattivi li għalihom qed *issir referenza*, huma li l-appellat ma kinitx għamlet it-tiswijiet fid-dar li għalihom l-esponent kien ġie kkundannat *bis-sentenza* ta' din il-Qorti tas-17 ta' Ottubru, 1988, u għalhekk l-esponenti ma kellux jirrifondi lill-appellata spejjeż ta' xogħlijiet li hi ma għamlitx. Sa hawnhekk l-Ewwel Qorti qablet;

Illi inoltre, sa minn qabel ma beda jinstema' l-appell ta' l-esponent *mis*-sentenza li kkundannatu jirrifondi l-ispejjeż tat-tiswijiet, l-appellata kienet taf li mhix ser tagħmel dawk ix-xogħlijiet għaliex kienet ser toħroġ mid-dar fejn kienet toqgħod u tmur toqgħod band'oħra;

Illi l-esponenti ma setax ikun jaf tempestivament, ċjoè pendenti l-appell tiegħu, li dawk it-tiswijiet ma sarux u lanqas li l-appellata ma kinitx ser tagħmilhom għax kienet ser toħroġ mid-dar. Jirriżulta mill-provi li kien biss wara ħafna żmien li nqata' l-appell fis-17 ta Ottubru, 1988 li l-esponent sar jaf li t-tiwsijiet ma kinux saru. Tant illi kien f'Jannar 1990, meta dik id-dar fejn kienet toqgħod l-appellata kienet qiegħda tiġi demolita li l-esponent ra l-ħsara lamentata (konsenturi fil-bini) kienet għadha hemm u b'hekk sar jaf għall-ewwel darba li t-tiwsijiet li kellhom isiru skond is-sentenza ma kinux saru. Dan hu korroborat bir-ritratti li ġew esebiti fil-proċess tal-kawża;

Illi meta l-esponent sar jaf b'dan beda jivverifika u sab il-kuntratt li bih l-appellata xtrat il-flat band'oħra fl-1988 (kopja

tal-kuntratt ġiet esebita fil-proċess) u li hija kienet taf li ser tħalli d-dar fejn kienet sa minn qabel ma l-appell ta' l-esponenti resaq għat-trattazzjoni;

Illi dak li l-esponent jikkontendi rigward it-tielet u r-raba' domandi tiegħu jidher ċar mill-atti taċ-ċitazzjoni u mill-petizzjoni ta' l-appell tiegħu, li għalihom qiegħed jagħmel referenza a skans ta' ripetizzjoni. L-appellata kienet taf li mhux ser tagħmel it-tiswijiet li kienet qed titlob li tiġi awtorizzata li tagħmel, għaliex diġà kienet ser toħroġ mid-dar qabel ma l-appell ta' l-esponent beda jiġi ttrattat. Iżda b'danakollu hi kienet retiċenti u ħalliet it-trattazzjoni ssir u l-kawża tinqata'. B'dan in-nuqqas tagħha l-appellata kkaġunat spejjeż żejda ta' l-appell bi preġudizzju ta' l-esponent;

Illi b'hekk l-appellata saret responsabbli versu l-esponent in linea ta' danni, fuq il-prinċipju li kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri b'tort tagħha u kkunsidrat ukoll il-prinċipju tal-*minimisation of damages*. Dawn id-danni jikkonsistu fl-ispejjeż ta' l-appell in eċċess ta' dawk li kienu nkorsi sa dak in-nhar, akkollati lill-esponent, li ma kinux isiru kieku l-appellata tkellmet li ma kinitx ser tagħmel ix-xogħlijiet oġġett tal-kawża. Kien il-każ li f'dak l-istadju l-appellata tirrinunzja għall-azzjoni u l-esponent jirtira l-appell tiegħu u jħallas l-ispejjeż sa dak in-nhar. Il-prospett Dok. A, ippreparat mis-sottoskritt u esebit mill-esponent bin-nota ta' l-24 ta' Ġunju, 1991, juru l-ispejjeż żejda li ġew ikkawżati mill-appellata;

Illi jingħad bir-rispett kollu lejn dina l-Onorabbli Qorti illi s-sentenza tagħha tas-6 ta' Ġunju, 1994 ma qieset xejn il-fatt riżultat fil-kawża illi l-esponenti ma kienx jaf l-appellata ma għamlitx ix-xogħlijiet u sar jaf għall-ewwel darba f'Jannar 1990 meta waqt id-demolizzjoni tal-bini ra li l-ħsarat lamentati kienu għadhom mhumiex imsewwijin u ta' dawn ħa r-ritratti li ġew

esebiti fil-kawża;

Illi fit-termini tal-liġi dan jikkostitwixxi supposizzjoni li ma jeżistix dak il-fatt, meta l-verità tiegħu kienet stabbilita posittivament, ċjoè li l-esponenti ma kienx jaf waqt l-appell li x-xogħlijiet *ma kinux ser isiru mill-appellata għalkemm dan il-fatt irriżulta mill-provi* u mhux ikkontestat;

Illi barra minn dan, l-istess sentenza qalet li "qabel ma beda l-istess appell huwa (l-esponent) ġie a konjizzjoni ta' l-att *li Beatrice Pisani kienet akkwistat appartament ieħor fejn tmur* tabita. Dan mhuwiex vera. Dan ma jirriżulta minn imkien. Barra minn hekk, anke kieku għall-grazzja ta' l-argument dan kien veru, wieħed ma jistax raġonevolment u loġikament jinduċi mill-fatt li l-appellata kienet ser toħroġ mill-fond fil-bidu ta' l-1988, illi hija ma kinitx laħqet għamlet ix-xogħlijiet ta' tiswija qabel. Il-ħsara lamentata saret fl-1977 u l-kawża istitwita mill-appellata ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Marzu, 1987. L-esponent ippreżenta appell minn dik is-sentenza fit-22 ta' April, 1987 u l-appell ġie appuntat għat-trattazzjoni fis-sena ta' wara u jirriżulta li l-appellata ħarġet mid-dar fis-16 ta' Mejju, 1988 li kien l-għada li ġie ttrattat dak l-appell. Altru li kien hemm żmien biżżejjed biex isiru x-xogħlijiet;

Illi hawnhekk is-sentenza hija bbażata, fit-termini tal-liġi fuq is-supposizzjoni ta' fatt li l-verità tiegħu hija bla ebda dubbju eskluża;

*Għalhekk* l-esponent, filwaqt li jippreżenta *l-annessa* garanzija għall-ispejjeż ta' din il-kawża, jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna *li l-appell tiegħu deċiż* bis-sentenza fuq riferita tas-6 ta' Ġunju, 1994 jiġi ritrattat, wara *li qabel xejn tħassar dik is-sentenza għal waħda mir-raġunijiet* imsemmija fl-artikolu 811 (l) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u

Proċedura Ċivili, Kap. 12 illi s-sentenza hija effett ta' żball li jidher mill-atti u mid-dokumenti tal-kawża, billi d-deċiżjoni hi bbażata (a) fuq is-supposizzjoni ta' fatt li l-verità tiegħu hija bla dubbju eskluża; u (b) fuq is-supposizzjoni li ma jeżistix fatt li l-verità tiegħu hija stabbilita posittivament, kif fuq imfisser, u f'kull każ il-fatt mhux punt ikkontestat li ġie deċiż bis-sentenza bl-ispejjeż ta' l-imsemmija sentenza u ta' din il-proċedura kontra l-appellata";

*Il-konvenuta ritrattata* qed topponi t-talba ta' l-attur fuq din il-bażi:

"*Fil-meritu s-sentenza ta'* din l-Onorabbli Qorti *tas-6 ta'* Ġunju, 1994 hija ġusta u ma kien fiha ebda żball li biha r-ritraent seta' jinvoka artikolu 811 (l) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha kien korrett u huwa ċar li r-ritraent qed jagħmel biss appell minn sentenza ta' appell, liema proċedura mhix permissibbli";

It-talba għar-ritrattazzjoni ma tirriżultax ġustifikata mill-atti. Qed tintalab a tenur tas-subinċiż l ta' l-artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jipprovdi illi jista' jiġi akkordat smigħ mill-ġdid tal-kawża "jekk is-sentenza attakkata kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża". Importanti l-kwalifika li l-liġi stess tagħmel għal dan il-motiv *li hu ta'* rilevanza għall-preżenti istanza;

"Għall-finijiet ta' dan *il-*paragrafu jitqies li hemm dak l-iżball fil-każ biss *li d-deċiżjoni* tkun ibbażata fuq is-supposizzjoni *ta' xi fatt li* l-verità tiegħu tkun bla ebda dubbju eskluża *jew fuq* is-supposizzjoni li ma jeżistix xi fatt li l-verità tiegħu tkun stabbilita posittivament basta li fil-każ il-wieħed u l-

jehor il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza";

Issa biex il-Qorti tiddetermina jekk it-talba għar-ritrattazzjoni fuq dan il-motiv setgħetx jew le tkun ġustifikata hu meħtieġ li jiġu vverifikati l-premessi ta' fatt li fuqhom l-attur ibbaża t-talba tiegħu f'din l-azzjoni. Dan għaliex taħt dan is-subinċiż hu meħtieġ li l-iżball ikun wieħed dwar fatt li fuqu l-Qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha sew jekk il-Qorti tkun issoponiet li tali fatt verament kien eżista meta mill-atti u mid-dokumenti ma jkunx jirriżulta sew jekk tkun issoponiet li l-fatt ma jkunx seħħ meta tkun posittivament mill-atti jew mid-*dokumenti jirriżulta li* avvera ruħu. Il-liġi però timponi *kundizzjoni komuni għal dawn iż-żewġ* eventwalitajiet u ċjoè li dak il-fatt, veru jew suppost ma jkunx ġie determinat u deċiż fis-sentenza impunjata;

Dan hu l-qofol ta' dan ir-rikors. Ir-ritrattand ħtieġlu jagħmel referenza għall-premessi fiċ-ċitazzjoni li bihom talab ir-revoka tas-subbasta u eventwali kundanni għad-danni ta' l-ispejjeż inutilment inkorsi. Dawn il-premessi kienu li hu ma kellu jagħti xejn lill-konvenuta llum ritrattata "għaliex hija ma għandhiex titħallas rifużjoni ta' spejjeż li ma għamlitx" u peress illi fil-kors tal-kawża fl-appell - li ppreċidiet il-preżenti istanza u li wasslet għall-kundanna ta' l-attur allura konvenut li jħallas dak f'din il-kawża kkontestat - il-konvenuta meta kienet taf li ser toħroġ mid-dar fejn kienet toqgħod u kienet fi trattativi għaldaqshekk u kienet xtrat flat band'oħra fis-16 ta' Mejju, *1988 u marret fih*, b'dana kollu ħalliet il-kawża tiġi ttrattata u *deċiża*. *Naturalment* l-attur odjern jippretendi li l-konvenuta kellha twaqqaf il-kawża u b'hekk kienet tevita li hu jiġi mġiegħel iħallas l-ispejjeż ġudizzjarji żejda li kienet qed tippretendi;

Fir-rigward ta' din il-premessa l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha ta' l-4 ta' Novembru, 1991 irriteniet illi:

"Illi anke jekk jiġi aċċettat illi, kif qed jippretendi l-attur, il-konvenuta kellha d-dover li ġġib a konjizzjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell il-fatt illi hija ma kinitx ser tkompli tokkupa l-fond illi fih kellhom isiru x-xogħlijiet rimedjali bil-konsegwenza illi l-proċeduri quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kienu jitwaqqfu qabel ma tingħata sentenza u b'hekk l-ispejjeż ġudizzjarji kienu jonqsu sostanzjalment, it-tielet (3) u r-raba' (4) talbiet ta' l-attur ma jistgħux jiġu milqugħa għaliex din il-Qorti ma tistax tvarja l-kap tas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell dwar l-ispejjeż ġudizzjarji relattivi";

Minn hawn għandu jkun diġà ċar illi r-ritrattand jekk kellu xi motiv għar-ritrattazzjoni, dan kellu jkun allura fir-rigward tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tas-17 ta' Ottubru, 1988 u mhux ta' l-istanza ttentata b'din l-azzjoni li effettivament mhi xejn ħlief tentattiv biex l-attur jerġa' jipprova jikseb konsiderazzjoni mill-ġdid ta' talbiet li ġew lilu definittivament respinti minn din il-Qorti bil-proċeduri anterjuri;

L-attur infatti appella minn dik is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-4 ta' Novembru, 1991 f'din l-istanza u rribadixxa l-posizzjoni tiegħu hekk. "Dak li qiegħed isostni (l-attur) huwa li hu sofra danni b'tort tal-konvenuta minħabba li hija ma waqfitx il-proċedura fl-appell u ħalliethom jissoktaw inutliment meta l-meritu tal-kawża tagħhom tal-kawża tagħha kien eżawrit u b'hekk ikkaġunatlu spejjeż li altrimenti ma kinux isiru ta' dawk il-proċeduri";

Il-konvenuta appellata fir-risposta tagħha kkontstat din is-sottomissjoni hekk:

"Illi domanda li tohroġ wahedha fuq dak li ġie sottomess mill-appellant fil-petizzjoni tieghu hija s-segwenti. Ġaladarba l-appellant kien induna li l-esponenti harġet mid-dar taghha ghal kollox f'Mejju 1988 (peress li joqghod bieb ma' bieb) x'kienet ir-raġunii li ma ssottomettiex dak li qed jallega f'din il-kawża bejn Mejju u Ottubru 1988 meta effettivament kienet inghatat is-sentenza mill-Qorti ta' l-Appell? L-esponenti tissottometti li, kieku verament huwa minnu dak li qed jallega l-appellant, huwa kellu interess li jintavola rikors ghas-sospensjoni *tal-prolazzjoni* tas-sentenza minnufih u mhux ihalli s-sentenza tinghata u mbaghad wara hafna żmien jibda johroġ b'hafna allegazzjonijiet li jidher ċar li l-Ewwel Qorti bir-raġun ma emmnithomx";

Indubbjament allura kien punt ikkontestat fit-trattazzjoni waqt l-appell il-fatt illi l-attur kien jaf bil-bejgh tal-fond *de quo* mill-konvenuta qabel ma nghatat is-sentenza minn din il-Qorti tas-17 ta' Ottubru, 1988 u li hu allura kien l-interess u l-obbligu ta' l-attur u mhux tal-konvenuta *li jġib dan il-fatt a konjizzjoni* tal-Qorti "biex jiġi evitat xoghol u spejjeż ġudizzjarji żejda". Dan il-punt ta' fatt ġie kkunsidrat u *deċiż minn din il-Qorti fis-*sentenza taghha issa impunjata fis-6 ta' Ġunju, 1994. Din il-*Qorti* f'dik is-sentenza *qieset illi* dan *il-fatt - li del* resto jirriżulta ippruvat anke mis-sottomissjonijiet ta' l-istess ritrattand - kien biżżejjed biex hi tiċhad l-aggravju ta' l-appellant. Din il-Qorti ma qalet imkien f'dik is-sentenza li l-attur kien jaf bil-fatt li x-xoghlijiet li kellhom isiru mill-konvenuta fil-fatt ma kinux saru u ma qisitx din iċ-ċirkostanza rilevanti ghall-fini tad-deċiżjoni ta' dak l-appell. Ma jistax allura jiġi sostnut li *din* il-Qorti kienet iddeċidiet l-appell fuq il-bażi ta' żball li jirriżulta mill-atti jew mid-dokumenti. Il-fatt li din il-Qorti ma qisitx xi *fatt li r-ritrattand* iqis li hu rilevanti ghad-determinazzjoni ta' l-appell tieghu fil-konsiderazzjonijiet taghha bl-ebda mod ma jinfiċċja dik is-sentenza *jew jirrendi dik* id-deċiżjoni impunjabbli ghax mehuda bi żball ta' fatt fit-termini tas-subinċiż *1 ta'* l-artikolu *811 tal-Kap. 12. Il-fatti*

konsidrati *minn din il-Qorti kienu kollha korretti u mkien fis-*sentenza ma tirriżulta xi referenza għal xi fatt fl-atti jew fid-dokumenti esebiti li kienet tirrifletti xi konsiderazzjoni żbaljata ta' fatt li dawk l-atti u dokumenti kienu maħsuba li jippruvaw;

Ġie ritenut "ir-rimedju ta' ritrattazzjoni u ta' indoli straordinarja (Koll. Vol. XXIX, pt. I, p. 798) u r-regoli li jiggvernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettisima (Kollez. Vol. XXXVII, pt. I, p. 818; Vol. XLII, p. 227) kif intqal fil-Kollez. Vol. XXV, pt. II, p. 141" (ara **Fedele Dalli** ***vs*** **Coronato Sarè** *deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta'* Ottubru, 1994);

"*Seconda questa disposizione l'errore che può costituire motivo di ritrattazione deve essere un errore materiale di fatto e non un errore di criterio e di interpretazione*" (Vol. XXV, pt. I, p. 140);

"Illi għalhekk jekk l-iżball akkampat bħala motiv għar-ritrattazzjoni kien punt ta' kontestazzjoni li ġie maqtugħ bid-deċiżjoni *impunjata mhix ammessa r-ritrattazzjoni fuq il-motiv* ta' dak l-iżball u l-apprezzament u interpretazzjoni tal-fatti mhumiex sindakabbli u ma jagħtux lok għar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni" (Vol. XLI, pt. I, p. 47) (ara ukoll libell ta' **Gaetano Mifsud** ***vs*** **Gaetano Zahra** deċiża minn din il-Qorti fil-11 ta' Ġunju, 1954 u l-awturi u ġurisprudenza fiha ċitati);

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċidi l-appell u tirrespinġi t-talba għar-revoka ta' l-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Ġunju, 1994 u għar-ritrattazzjoni ta' l-istess kawża bl-ispejjeż kollha kontra r-ritrattand.

---